Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 79/2012

tal-31 ta' Jannar 2012

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjudtax

(riformulazzjoni)

(ĠU L 29, 1.2.2012, p. 13)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 79/2012

tal-31 ta' Jannar 2012

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjudtax

(riformulazzjoni)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-koperazzjoni amministrattiva l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud [1] u, b'mod partikolari, l-Artikoli 14, 32, 48, 49 u 51(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex l-istrumenti għall-ġlieda kontra l-frodi jitjiebu u jiġu ssupplimentati, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 tas-7 ta' Ottubru 2003 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 218/92 [2] ġie riformulat u rrevokat mir-Regolament (UE) Nru 904/2010. Ir-regoli kif jidhru fir-Regolament (UE) Nru 904/2010 għandhom jiġu riflessi fil-livell tal-atti li jimplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 904/2010.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1925/2004 tad-29 t'Ottubru 2004 li jistabbilixxi regoli dettaljati biex ikunu implementati xi dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud [3] ġie emendat b'mod sostanzjali. Peress li għandhom isiru aktar emendi wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 u sabiex ikun hemm sett wieħed ta' regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni, dan għandu jitfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1174/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni tal-Artikoli 34a u 37 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1798/2003 dwar ir-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE [4].

(3) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri huwa neċessarju li jiġu speċifikati l-kategoriji preċiżi ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata mingħajr talba mill-qabel, kif ukoll il-frekwenza li biha għandhom isiru dawn l-iskambji, u l-arranġamenti prattiċi relevanti. Safejn l-Istati Membri jkollhom l-intenzjoni li jżommu lura minn skambji bħal dawn, huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

[1] ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1.
[2] ĠU L 264, 15.10.2003, p. 1.
[3] ĠU L 331, 5.11.2004, p. 13.
[4] ĠU L 314, 1.12.2009, p. 50.

▼B

(4) Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 għandha tiġi kkomunikata informazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa, kemm jista' jkun b'mezzi elettroniċi. Konsegwentement, għandhom jiġu stabbiliti l-arranġamenti prattiċi u d-dettalji tekniċi.

(5) Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għall-għoti ta' informazzjoni relatata mar-regoli ta' fatturar, ir-rati ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) applikabbli fil-kuntest tal-iskemi speċjali applikabbli għall-persuni taxxabbli mhux stabbiliti u l-informazzjoni kkodifikata b'mod elettroniku addizzjonali li hija msemmija fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru tar-rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor ([1]).

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu b'mod effettiv mill-possibiltajiet li jkollhom l-informazzjoni prevista minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/9/KE, huwa neċessarju li jiġu speċifikati il-kodiċi armonizzati relevanti li għandhom jiġu applikati waqt l-iskambju tal-informazzjoni relevanti, inklużi l-mezzi li bihom tali skambju għandu jseħħ, skont ir-Regolament (UE) Nru 904/2010.

(7) L-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE jipprevedi li l-Istat Membru tar-rimborż jista' jobbliga lill-applikant biex jipprovdi informazzjoni kodifikata elettronika addizzjonali li tissupplimenta l-kodiċi stabbiliti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2008/9/KE, salpunt li tali informazzjoni hija meħtieġa minħabba xi restrizzjoni dwar id-dritt tat-tnaqqis taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud ([2]), jew għall-implimentazzjoni ta' deroga li jikseb Stat Membru tar-rimborż taħt l-Artikoli 395 jew 396 ta' dik id-Direttiva.

(8) Skont l-Artikolu 48 (2) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-rimborż għandhom jinformaw elettronikament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra b'kull informazzjoni li jridu jipprovdu taħt l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE.

(9) Għal dan il-għan, id-dettalji tekniċi għat-trażmissjoni tal-informazzjoni addizzjonali meħtieġa mill-Istati Membri taħt l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE għandhom jiġu determinati. B'mod partikolari għandhom jiġu speċifikati l-kodiċi użati għattrażmissjoni ta' din l-informazzjoni. Il-kodiċi stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament ġew żviluppati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC) fuq il-bażi tal-informazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri għall-fini tal-applikar tal-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE.

([1]) ĠU L 44, 20.2.2008, p. 23.
([2]) ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

▼B

(10) L-applikanti jistgħu jkunu obbligati skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/9/KE li jipprovdu deskrizzjoni tal-attività ta' negozju tagħhom bl-użu tal-kodiċi armonizzati. Għal dan il-għan, il-kodiċi użati komunement previsti fl-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi NACE Reviżjoni 2 u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 li jemendah kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar oqsma speċifiċi tal-istatistika ([1]), għandhom jiġu użati.

(11) L-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 jiddikjara li l-awtorità li ssirilha t-talba, fuq talba tal-awtorità li tagħmel it-talba, għandha tinnotifika d-destinatarju bl-istrumenti u deċiżjonijiet kollha li joħorġu mill-awtoritajiet amministrattivi u li jirrigwardaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-VAT fl-Istat Membru li fih hija stabbilita l-awtorità li tagħmel it-talba.

(12) Fejn Stat Membru tar-rifużjoni jitlob l-Istat Membru tal-istabbiliment biex jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjonijiet u l-istrumenti tiegħu għall-fini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/9/KE, għal raġunijiet ta' ħarsien tad-dejta, għandu jkun possibbli li tali notifika ssir permezz tan-netwerk tal-komunikazzjoni komuni/l-interface ta' sistema komuni (CCN/CSI) kif definit fl-Artikolu 2(1)(q) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

(13) Għandhom jiġu stabbiliti regoli li jimplimentaw, *inter alia*, l-Artikolu 48 tar- Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar l-introduzzjoni ta' arranġamenti amministrattivi ta' koperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tar-regoli li jikkonċernaw il-post tal-forniment ta' servizzi, l-iskemi speċjali u l-proċedura ta' rifużjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud.

(14) Finalment, huwa neċessarju li tiġi stabbilita lista tad-dejta statistika meħtieġa għall-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 14, 32, 48, 49 u 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

Artikolu 2

Kategoriji ta' informazzjoni li għandhom jiġu skambjati mingħajr talba minn qabel

Il-kategoriji ta' informazzjonisoġġetti għal skambju awtomatiku, konformi mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(1) informazzjoni dwar negozjanti mhux stabbiliti;

([1]) ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

▼B

(2) informazzjoni dwar mezzi ta' trasport ġodda.

Artikolu 3

Subkategoriji ta' informazzjoni li għandhom jiġu skambjati mingħajr talba minn qabel

1. Fir-rigward ta' negozjanti mhux stabbiliti l-informazzjoni soġġetta għal skambju awtomatiku għandha tkun din li ġejja:

(a) informazzjoni dwar l-allokazzjoni ta' numri ta' identifikazzjoni tal-VAT lil persuni taxxabbli stabbiliti fi Stat Membru ieħor;

(b) informazzjoni dwar rifużjonijiet tal-VAT lil persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru tar-rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor skont id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE.

2. Fir-rigward ta' mezzi ġodda ta' trasport, l-informazzjoni soġġetta għal skambju awtomatiku għandha tkun din li ġejja:

(a) informazzjoni dwar provvisti eżentati konformi mal-Artikolu 138(2)(a) tad-Direttiva 2006/112/KE, ta' mezzi ta' trasport ġodda kif definiti fl-Artikolu 2(2), (a) u (b)ta' din id-Direttiva, minn persuni meqjusa bħala persuni taxxabbli skont l-Artikolu 9(2) ta' dik id-Direttiva li huma identifikati għall-finijiet tal-VAT;

(b) informazzjoni dwar provvisti eżentati skont l-Artikolu 138(2)(a) tad-Direttiva 2006/112/KE, ta' bastimenti u inġenji tal-ajru ġodda kif definiti fl-Artikolu 2(2), (a) u (b)ta' din id-Direttiva, minn persuni taxxabbli identifikati għall-finijiet tal-VAT, minbarra dawk li ssir referenza għalihom fil-punt (a), lil persuni mhux identifikati għal finijiet ta' VAT;

(c) informazzjoni dwar provvisti eżentati skont l-Artikolu 138(2)(a) tad-Direttiva 2006/112/KE, ta' vetturi tal-art ġodda b'magna kif iddefiniti fl-Artikolu 2(2), (a) u (b) ta' din id-Direttiva, minn persuni taxxabbli identifikati għall-finijiet tal-VAT, minbarra dawk imsemmija fil-punt (a), għal persuni mhux identifikati għal finijiet ta' VAT.

Artikolu 4

Notifikazzjoni ta' astensjoni minn parteċipazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni mingħajr talba minn qabel

Sal-20 ta' Mejju 2012 kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miktub bid-deċiżjoni tiegħu, meħuda b'mod konformi mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, dwar jekk huwiex ser jastjeni milli jieħu sehem fl- iskambju awtomatiku ta' kategorija jew subkategorija waħda jew aktar ta' informazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament. ►**M1** Il-Kroazja tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha, li hemm referenza għaliha fis-sentenza preċedenti, li tastjeni milli tieħu sehem fl-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni sal-1 ta' Lulju 2013. ◄ Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra kif suppost dwar il-kategoriji li għalihom Stat Membru jkun astjena.

▼B

Artikolu 5

Frekwenza tat-trażmissjoni tal-informazzjoni

F'każijiet fejn tintuża sistema ta' skambju awtomatiku, informazzjoni dwar il-kategoriji u subkategoriji msemmija rispettivament fl-Artikoli 2 u 3 għandha tiġi pprovduta malli ssir disponibbli, u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet xhur mit-tmiem tat-trimestru kalendarju li matulu dik l-informazzjoni tkun saret disponibbli.

Artikolu 6

Trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet

1. Informazzjoni kkomunikata skontir-Regolament (UE) Nru 904/2010 għandha, safejn ikun possibbli, tintbagħat biss b'mezzi elettroniċi permezz tan-netwerk CCN/CSI, bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) it-talba għal notifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 u l-istrument jew deċiżjoni li tagħhom tintalab in-notifikazzjoni;

(b) dokumenti oriġinali pprovduti skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jaqblu li jikkomunikaw l-informazzjoni li ssir referenza għaliha fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi.

Artikolu 7

Informazzjoni lil persuni taxxabbli

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dettalji dwar il-fatturar imniżżel fl-Anness I ta' dan ir-Regolament skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 permezz tal-web portal stabbilit mill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi il-web portal imsemmi fil-paragrafu 1 għad-dispożizzjoni ta' dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jippubblikaw l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

(a) l-informazzjoni dwar il-ħażna tal-fatturi mniżżla fl-Anness II;

(b) l-informazzjoni addizzjonali kkodifikata b'mod elettroniku meħtieġa mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE;

(c) sal-31 ta' Diċembru 2014, ir-rata standard tat-taxxa msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010;

(d) mill-1 ta' Jannar 2015, ir-rata tat-taxxa applikabbli għal provvisti ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni, servizzi ta' xandir u servizzi fornuti b'mezzi elettroniċi msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

▼B

Artikolu 8

Informazzjoni skambjata fil-qafas ta' rifużjoni tal-VAT

Meta Stat Membru ta' rifużjoni jinnotifika Stati Membri oħra li jeħtieġ informazzjoni addizzjonali kodifikata elettronikament kif previst fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 2008/9/KE, il-kodiċi speċifikati fl-Anness III għal dan ir-Regolament għandhom jiġu użati għall-għanijiet tat-trażmissjoni ta' din l-informazzjoni.

Artikolu 9

Deskrizzjoni relatata mal-attività ta' negozju skambjata fil-qafas ta' rifużjoni tal-VAT

Fejn Stat Membru tar-rifużjoni jeħtieġ deskrizzjoni tal-attività tan-negozju tal-applikant kif previst fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/9/KE, tali informazzjoni għandha tingħata fir-raba' livell tal-kodiċi NACE Rev. 2, kif previst fl-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

Artikolu 10

Notifikazzjoni ta' strumenti u deċiżjonijiet relatati ma' rifużjoni tal-VAT

Meta Stat Membru tar-rifużjoni jitlob Stat Membru tal-istabbiliment ta' destinatarju biex jinnotifika strumenti u deċiżjonijiet relatati ma' refużjoni taħt id-Direttiva 2008/9/KE lid-destinatarju, din it-talba ta' notifika tista' tintbagħat permezz tan-netwerk CCN/CSI kif definit fl-Artikolu 2(1)(q) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

Artikolu 11

Dejta statistika

Il-lista ta' dejta statistika msemmija fl-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 hija stabbilita fl-Anness IV.

Kull Stat Membru għandu, qabel it-30 ta' April ta' kull senab'mezzi elettroniċi, jikkomunika lill-Kummissjoni id-dejta statistika imsemmija fl-ewwel paragrafu, permezz tal-mudell stabbilit fl- Anness IV.

Artikolu 12

Komunikazzjoni ta' miżuri nazzjonali

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' kull liġi, regolament jew dispożizzjonijiet amministrattivi li huma japplikaw fil-qasam kopert b'dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawn il-miżuri lill-Istati Membri l-oħrajn.

Artikolu 13

Revoka

Ir-Regolamenti (KE) Nru 1925/2004 u (KE) Nru 1174/2009 huma rrevokati.

▼B

Referenzi għar-Regolamenti rrevokati għandhom jiġu interpretati bala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'mod konformi mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

Artikolu 14

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fl-intier tiegħu u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Id-dettalji dwar il-fatturar skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010

1. **Ħruġ ta' fatturi**

Artikolu 221(1) tad-Direttiva 2006/112/KE — opzjoni li tirrikjedi li jinħarġu l-fatturi

M1. F'liema ċirkostanzi oħra jeħtieġ li jinħarġu l-fatturi?

M2. Jekk meħtieġ, il-fatturi jridu jkunu fatturi simplifikati jew fatturi sħaħ?

Artikolu 221(2) tad-Direttiva 2006/112/KE — opzjoni għall-fatturi għas-servizzi ta' assigurazzjoni u finanzjarji eżenti

M3. Għal servizzi eżentati ta' assigurazzjoni u finanzjarji, jeħtieġ li tinħareġ fattura?

M4. Jekk iva, il-fattura trid tkun fattura simplifikata jew sħiħa?

Artikolu 221(3) tad-Direttiva 2006/112/KE — opzjoni li ma teħtieġx fattura għal provvisti eżentati

M5. Liema provvisti eżentati, jekk hemm, ma jeħtiġux il-ħruġ ta' fattura?

2. **Żmien ta' ħruġ ta' fattura**

Artikolu 222 tad-Direttiva 2006/112/KE — għażla li timponi limiti ta' żmien sa meta għandha tinħareġ fattura.

M6. Hemm xi limitu ta' żmien sa meta jistgħu jinħarġu fatturi oħra li mhumiex għal provvisti intra-Komunitarji jew provvisti transkonfinali ta' servizzi suġġetti għal reverse charge?

M7. Jekk iva, il-fattura sa meta trid tinħareġ?

3. **Fatturi fil-qosor**

Artikolu 223 tad-Direttiva 2006/112/KE — il-perjodu ta' żmien għall-ħruġ ta' fatturi fil-qosor

M8. Jistgħu jinħarġu fatturi fil-qosor għall-provvisti li jsiru suġġett għat-taxxa matul perjodu li hu itwal minn xahar tal-kalendarju? Dan jeskludi provvisti intra-Komunitarji u provvisti transkonfinali ta' servizzi suġġetti għal reverse charge.

M9. Jekk iva, kemm hu twil il-perjodu ta' żmien?

4. **Fatturi maħruġa mill-klijent**

Artikolu 224 tad-Direttiva 2006/112/KE — opzjoni għall-fatturi maħruġa mill-klijent li għandhom jinħarġu fl-isem u għan-nom tal-persuna taxxabbli

M10. Hemm xi kundizzjoni biex il-fatturi maħruġa mill-klijent ikunu jistgħu jinħarġu fl-isem u għan-nom tal-persuna taxxabbli li tagħmel il-provvista?

5. **Esternalizzazzjoni ta' fatturi lil partijiet terzi li mhumiex fl-UE**

Artikolu 225 tad-Direttiva 2006/112/KE — opzoni li timponi kundizzjonijiet fuq partijiet terzi li mhumiex fl-UE li joħorġu fatturi fl-isem il-fornituri tal-UE

M11. Hemm xi kundizzjonijiet imposti fuq l-esternalizzazzjoni ta' fatturi lil partijiet terzi stabbiliti barra l-UE?

M12. Jekk iva, x'kundizzjonijiet huma imposti?

▼B

6. **Kontenut tal-fatturi**

Artikolu 227 tad-Direttiva 2006/112/KE — il-ħtieġa li jissemma n-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tal-klijent

M13. Minbarra għall-provvisti intra-Komunitarji ta' prodotti jew provvisti ta' reverse charge, in-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tal-klijent għandu jitniżżel fuq il-fattura?

M14. Jekk iva, f'liema ċirkostanzi n-numru tal-identifikazzjoni tal-VAT tal-klijent għandu jitniżżel fuq il-fattura?

Artikolu 230 tad-Direttiva 2006/112/KE — il-munita fuq il-fattura tal-VAT

M15. Meta l-ammont tal-VAT huwa konvertit għall-munita nazzjonali permezz tar-rata tal-kambju tal-Bank Ċentrali Ewropew, hija meħtieġa notifika?

Artikolu 239 tad-Direttiva 2006/112/KE — l-użu ta' numru ta' referenza tat-taxxa

M16. Xorta jinħareġ numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jekk il-fornitur jew il-klijent ma jagħmilx akkwisti intra-Komunitarji, bejgħ mill-bogħod jew provvisti intra-Komunitarji?

Artikolu 240 tad-Direttiva 2006/112/KE — l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni tal-VAT u ta' numru ta' referenza tat-taxxa

M17. Meta jinħarġu kemm in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT kif ukoll in-numru ta' referenza tat-taxxa, f'liema ċirkostanza għandu jitniżżel wieħed minnhom jew it-tnejn li huma fuq il-fattura?

7. **Fatturi elettroniċi u fuq il-karta**

Artikolu 235 tad-Direttiva 2006/112/KE — fatturi elettroniċi maħruġa minn barra l-UE

M18. Hemm xi kundizzjonijiet għall-fatturi elettroniċi li jinħarġu minn pajjiż terz?

M19. Jekk iva, x'inhuma dawn il-kundizzjonijiet?

8. **Fatturi simplifikati**

Artikolu 238 tad-Direttiva 2006/112/KE — l-użu ta' fatturi simplifikati

M20. F'liema ċirkostanzi l-fatturi simplifikati huma permessi?

Artikolu 226b tad-Direttiva 2006/112/KE — id-dettalji meħtieġa fuq fattura simplifikata

M21. X'dettalji jridu jitniżżlu fuq fattura simplifikata?

▼B

ANNESS II

L-informazzjoni dwar il-ħażna ta' fatturi li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu permezz tal-web portal

Artikolu 245 tad-Direttiva 2006/112/KE — il-post tal-ħażna

M1. Jekk il-post tal-ħażna jinsab barra l-Istat Membru, in-notifika tal-post tal-ħażna hija meħtieġa?

M2. Jekk iva, kif għandha ssir din in-notifika?

M3. Il-fatturi fuq il-karta jistgħu jinħażnu barra l-Istat Membru?

Artikolu 247(1) tad-Direttiva 2006/112/KE — il-perjodu ta' ħażna

M4. X'inhuma l-perjodi ta' ħażna għall-fatturi?

Artikolu 247(2) tad-Direttiva 2006/112/KE — il-forma ta' ħażna

M5. Il-fatturi fuq karta jistgħu jinħażnu elettronikament?

M6. Il-fatturi elettroniċi jistgħu jinħażnu fil-forma ta' karta?

M7. Id-dejta li tiggarantixxi l-awtenticità tal-oriġini u l-integrità tal-kontenut tal-fatturi maħżuna elettronikament, għandha tinżamm jekk jintużaw firem elettroniċi jew EDI?

Artikolu 247(3) tad-Direttiva 2006/112/KE — il-ħażna f'pajjiż terz

M8. Il-fatturi jistgħu jinħażnu f'pajjiż terz?

M9. Jekk iva, hemm xi kundizzjonijiet?

▼B

ANNESS III

Kodiċijiet għall-użu fit-trażmissjoni tal-informazzjoni taħt l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010

Il-Kodiċi 1. Karburant		
1.1.	Karburant għall-mezzi tat-trasport b'massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	1.1.1. Petrol 1.1.2. Diżil 1.1.3. LPG 1.1.4. Gass Naturali 1.1.5. Biokarburant
1.2.	Karburant għall-mezzi tat-trasport b'massa anqas minn jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	1.2.1. Petrol 1.2.2. Diżil 1.2.3. LPG 1.2.4. Gass Naturali 1.2.5. Biokarburant 1.2.6. Karozzi tal-passiġġieri 1.2.7. Vetturi tal-merkanzija
1.3.	Karburant għall-mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	1.3.1. Petrol 1.3.2. Diżil 1.3.3. LPG 1.3.4. Gass Naturali 1.3.5. Biokarburant
1.4.	Karburant użat speċifikament fil-vetturi għall-ittestjar	
1.5.	Prodotti taż-żejt użati fil-lubrifikazzjoni ta' mezzi tat-trasport jew il-magni tagħhom	
1.6.	Karburant mixtri biex jinbiegħ	
1.7.	Karburant għall-mezzi tat-trasport tal-merkanzija	
1.8.	Karburant għall-karozzi tal-passiġġieri jew b'użi varji	1.8.1. Użati esklużivament għal skopijiet ta' negozju 1.8.2. Użati parzjalment għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri, tagħlim tas-sewqan jew għall-kiri 1.8.3. Użati parzjalment għal skopijiet apparti dawk f'1.8.2
1.9.	Karburant użat għall-muturi, karavanni-jiet u bastimenti għal skopijiet ta' rikreazzjoni jew sport u inġenji tal-ajru b'massa ta' anqas minn 1 550 kg	1.9.1. Użati għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri, it-tagħlim tas-sewqan jew għall-kiri 1.9.2. Użati għal skopijiet ta' negozju
1.10.	Karburant għal magni u tratturi agrikoli	1.10.1. Petrol 1.10.2. Diżil 1.10.3. LPG 1.10.4. Gass Naturali 1.10.5. Biokarburant
1.11.	Karburant għall-mezzi tat-trasport tal-passiġġieri b'anqas minn 9 postijiet u karozzi tal-kiri	1.11.1. Petrol 1.11.2. Dijżil 1.11.3. LPG 1.11.4. Gass Naturali 1.11.5. Biokarburant

▼B

1.12.	Karburant għall-mezzi tat-trasport tal-passiġġieri apparti 1.8 u 1.9	
1.13.	Karburant għall-mezzi tat-trasport li għalihom ma teżisti ebda restrizzjoni fuq id-dritt tat-tnaqqis	
1.14.	Karburant għall-mezzi tat-trasport li għalihom hemm restrizzjoni fuq id-dritt tat-tnaqqis.	
Il-Kodiċi 2. Il-kiri tal-mezzi tat-trasport		
2.1.	Kiri ta' mezzi tat-trasport b'massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	
2.2.	Kiri tal-mezzi tat-trasport b'massa anqas minn jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	2.2.1. Għal perjodu kontinwu li jaqbeż is-6 xhur 2.2.2. Għal perjodu kontinwu ekwivalenti għal jew li ma jaqbiżx is-6 xhur 2.2.3. Karozzi tal-passiġġieri 2.2.4. Vetturi tal-merkanzija
2.3.	Kiri ta' mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	2.3.1. Għal perjodu kontinwu li jaqbeż is-6 xhur 2.3.2. Għal perjodu kontinwu ekwivalenti għal jew li ma jaqbiżx is-6 xhur
2.4.	Kiri ta' mezzi għat-trasport tal-merkanzija	
2.5.	Kiri ta' karozzi tal-passiġġieri jew b'użi varji	2.5.1. Użati esklużivament għal skopijiet ta' negozju 2.5.2. Użati parzjalment għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri jew għat-tagħlim tas-sewqan 2.5.3. Użati parzjalment għal skopijiet apparti dawk f'2.5.2
2.6.	Kiri ta' muturi, karavannijiet u bastimenti għal skopijiet ta' rikreazzjoni jew sport u inġenji tal-ajru b'massa ta' anqas minn 1 550 kg	2.6.1. Użati għat-trasport ta' passiġġieri kummerċjali jew tagħlim tas-sewqan 2.6.2. Użati għal skopijiet oħra ta' negozju
2.7.	Kiri ta' karozzi tal-passiġġieri li jaqgħu taħt il-kategorija M1	
2.8.	Kiri ta' mezzi għat-trasport tal-passiġġieri li fihom aktar minn 9 postijiet	
2.9.	Kiri ta' mezzi għat-trasport tal-passiġġieri li fihom anqas minn 9 postijiet	2.9.1. Użati għal operazzjonijiet kummerċjali 2.9.2. Użati għal operazzjonijiet apparti dawk kummerċjali
2.10.	Kiri ta' mezzi tat-trasport li għalihom ma teżisti ebda restrizzjoni fuq id-dritt tat-tnaqqis	
2.11.	Kiri ta' mezzi tat-trasport li għalihom hemm restrizzjoni fuq id-dritt tat-tnaqqis.	
2.12.	Kiri ta' mezzi tat-trasport apparti dawk f'2.5 u 2.6	
Il-Kodiċi 3. Infiq relatat ma' mezzi tat-trasport (minbarra l-merkanzija u s-servizzi msemmija taħt il-kodiċijiet 1 u 2)		
3.1.	Nefqa relatata mal-mezzi tat-trasport b'massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	3.1.1. Xiri ta' mezzi tat-trasport b'massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas

▼B

		3.1.2. Manutenzjoni ta’ mezzi tat-trasport b’massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.1.3. Xiri u installazzjoni ta’ aċċessorji għal mezzi tat-trasport b’massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.1.4. Iggaraxxjar u parkeġġ għal mezzi tat-trasport b’massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.1.5. Infiq ieħor relatat mal-mezzi tat-trasport b’massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
3.2.	Infiq relatat mal-mezzi tat-trasport b’massa anqas minn jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	3.2.1. Xiri tal-mezzi tat-trasport b’massa anqas minn jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.2.2. Manutenzjoni ta’ mezzi tat-trasport b’massa anqas minn jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.2.3. Xiri u installazzjoni ta’ aċċessorji għal mezzi tat-trasport b’massa anqas jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.2.4. Iggaraxxjar u parkeġġ għal mezzi tat-trasport b’massa anqas jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.2.5. Infiq ieħor relatat mal-mezzi tat-trasport b’massa anqas minn jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.2.6. Karozzi tal-passiġġieri
		3.2.7. Vetturi tal-merkanzija
3.3.	Infiq relatat ma’ mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	3.3.1. Xiri ta’ mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.3.2. Manutenzjoni ta’ mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.3.3. Xiri u installazzjoni ta’ aċċessorji għal mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.3.4. Iggaraxxjar jew parkeġġ ta’ mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
		3.3.5. Infiq ieħor relatat ma’ mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas
3.4.	Infiq relatat ma’ mezzi tat-trasport tal-merkanzija	3.4.1. Xiri ta’ mezzi tat-trasport tal-merkanzija
		3.4.2. Manutenzjoni ta’ mezzi tat-trasport tal-merkanzija

▼B

		3.4.3.	Iggaraxxjar jew parkeġġ ta' mezzi tat-trasport tal-merkanzija
		3.4.4.	Infiq ieħor relatat ma' mezzi tat-trasport tal-merkanzija apparti dawk fi 3.4.1, 3.4.2 u 3.4.3
3.5.	Manutenzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri jew b'użi varji	3.5.1.	Użati esklużivament għal skopijiet ta' negozju
		3.5.2.	Użati parzjalment għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri, tagħlim tas-sewqan jew għall-kiri
		3.5.3.	Użati parzjalment għal skopijiet ta' negozju apparti dawk fi 3.5.2
3.6.	Manutenzjoni ta' muturi, karavannijiet u bastimenti għal skopijiet ta' rikreazzjoni jew sport u inġenji tal-ajru b'massa ta' anqas minn 1 550 kg	3.6.1.	Użati għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri, tagħlim tas-sewqan jew għall-kiri
		3.6.2.	Użati għal skopijiet oħra ta' negozju
3.7.	Infiq, apparti manutenzjoni, iggaraxxjar u parkeġġ relatat ma' karozzi tal-passiġġieri jew b'użi varji	3.7.1.	Użati esklużivament għal skopijiet ta' negozju
		3.7.2.	Użati parzjalment għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri, tagħlim tas-sewqan jew għall-kiri
		3.7.3.	Użati parzjalment għal skopijiet apparti dawk fi 3.7.2
3.8.	Infiq, apparti f'manutenzjoni, iggaraxxjar u parkeġġ relatat ma' muturi, karavannijiet u bastimenti għal skopijiet ta' rikreazzjoni jew sport u inġenji tal-ajru b'massa ta' anqas minn 1 550 kg.	3.8.1.	Użati għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri, għat-tagħlim tas-sewqan jew għall-bejgħ mill-ġdid
		3.8.2.	Użati għal skopijiet oħra ta' negozju
3.9.	Xiri ta' karozzi tal-passiġġieri li jaqgħu taħt il-kategorija M1		
3.10.	Xiri ta' aċċessorji għal karozzi tal-passiġġieri taħt il-kategorija M1, inkluż l-armar u l-installazzjoni tagħhom		
3.11.	Infiq relatat mal-mezzi tat-trasport tal-passiġġieri b'aktar minn 9 postijiet jew ma' mezzi tat-trasport tal-merkanzija		
3.12.	Infiq relatat mal-mezzi tat-trasport tal-passiġġieri b'anqas minn 9 postijiet użati għal operazzjonijiet kummerċjali		
3.13.	Infiq relatat ma' mezzi tat-trasport li għalihom ma teżisti ebda restrizzjoni fuq id-dritt tat-tnaqqis		
3.14.	Infiq relatat ma' mezzi tat-trasport li għalihom hemm restrizzjoni fuq id-dritt tat-tnaqqis		
3.15.	Manutenzjoni ta' mezzi għat-trasport tal-passiġġieri apparti karozzi tal-passiġġieri jew b'użi varji, muturi, karavannijiet u bastimenti għal skopijiet ta' rikreazzjoni u sport, u inġenji tal-ajru b'massa akbar minn 1 550 kg.		
3.16.	Iggaraxxjar jew parkeġġ ta' mezzi tat-trasport tal-passiġġieri		

▼B

3.17.	Infiq, apparti f'manutenzjoni, iggaraxxjar jew parkeġġ relatat ma' mezzi tat-trasport apparti dawk ta' karozzi tal-passiġġieri jew b'użi varji, muturi, karavannijiet u bastimenti għal skopijiet ta' rikreazzjoni u sport, u inġenji tal-ajru b'massa akbar minn 1 550 kg.	

Il-Kodiċi 4. Ħlasijiet għall-użu tat-triq u għall-utent tat-triq

4.1.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-mezzi tat-trasport b'massa akbar minn 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	
4.2.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-mezzi tat-trasport b'massa anqas minn jew ekwivalenti għal 3 500 kg, apparti mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	4.2.1. Karozzi tal-passiġġieri 4.2.2. Vetturi tal-merkanzija
4.3.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-mezzi tat-trasport għal passiġġieri bil-ħlas	
4.4.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għal kull mezz tat-trasport li jaqsam il-Pont Great Belt	
4.5.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għal kull mezz tat-trasport li jaqsam il-Pont Öresund	
4.6.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għal mezzi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ħlas li fihom aktar minn 9 postijiet	
4.7.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għal mezzi għat-trasport tal-passiġġieri bil-ħlas li fihom anqas minn 9 postijiet	
4.8.	Ħlasijiet għall-użu tat-triq għal vetturi użati fil-kuntest ta' konferenza, fiera, wirja jew kungress	4.8.1. Għall-organizzatur tal-avveniment 4.8.2. Għal parteċipant fl-avveniment, fejn il-ħlas isir direttament lill-organizzatur

Il-Kodiċi 5. Spejjeż ta' vjaġġar, bħal nollijiet tat-taxi, nollijiet tat-trasport pubbliku

5.1.	Għall-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli	
5.2.	Għal persuna oħra apparti l-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli	
5.3.	Għall-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli fil-kuntest ta' konferenza, fiera, wirja jew kungress	5.3.1. Għall-organizzatur tal-avveniment 5.3.2. Għal parteċipant fl-avveniment, fejn il-ħlas isir direttament lill-organizzatur

Il-Kodiċi 6. Akkomodazzjoni

6.1.	Infiq fuq akkomodazzjoni għall-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli	
6.2.	Infiq fuq akkomodazzjoni għall-persuna apparti l-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli	

▼B

6.3.	Infiq fuq akkomodazzjoni għall-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli li jattendi konferenzi li jikkwalifikaw	
6.4.	Infiq fuq akkomodazzjoni għall-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli fil-kuntest ta' konferenza, fiera, wirja jew kungress	6.4.1. Għall-organizzatur tal-avveniment 6.4.2. Għal parteċipant fl-avveniment, fejn il-ħlas isir direttament lill-organizzatur
6.5.	Infiq fuq akkomodazzjoni għal impjegat tal-persuna taxxabbli li jġib il-merkanzija jew jipprovdi s-servizzi	
6.6.	Infiq fuq akkomodazzjoni għal forniment li jiġi mibgħut lil ħaddieħor	
6.7.	Infiq fuq akkomodazzjoni apparti dawk f'6.5 jew 6.6	

Il-Kodiċi 7. Ikel, xorb u servizzi ta' ristoranti

7.1.	Ikel u xorb provdut mil-lukandi, barijiet, ristoranti u boarding houses, inkluż il-kollazzjon	7.1.1. Għall-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli 7.1.2. Għall-persuna oħra apparti l-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli
7.2.	Ikel u xorb provdut fil-kuntest ta' konferenza, fiera, wirja jew kungress	7.2.1. Għall-organizzatur tal-avveniment 7.2.2. Għal parteċipant fl-avveniment, fejn il-ħlas jintalab direttament mill-organizzatur
7.3.	Ikel u xorb għal impjegat tal-persuna taxxabbli li jġib il-merkanzija jew jipprovdi s-servizzi	
7.4.	Servizzi ta' ristoranti mixtrija għal forniment li jiġi mibgħut lil ħaddieħor	
7.5.	Xiri ta' ikel, xorb jew servizzi ta' ristoranti apparti dawk f'7.2, 7.3 u 7.4	

Il-Kodiċi 8. Dħul għal fieri u wirjiet

8.1.	Għall-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli	
8.2.	Għall-persuna oħra apparti l-persuna taxxabbli jew impjegat tal-persuna taxxabbli	

Il-Kodiċi 9. Infiq għal-lussu u d-divertiment

9.1.	Xiri ta' alkoħol	
9.2.	Xiri ta' tabakk manifatturat	
9.3.	Infiq fuq riċevimenti u divertiment	9.3.1. Għal skopijiet ta' pubbliċità 9.3.2. Mhux għal skopijiet ta' pubbliċità
9.4.	Infiq fuq manutenzjoni ta' inġenji għad-divertiment	
9.5.	Infiq fuq opri tal-arti, oġġetti ta' kollezzjoni u antikitajiet	
9.6.	Infiq għal-lussu u d-divertiment għall-pubbliċità	

▼B

9.7.	Infiq għal-lussu u divertiment apparti dawk f'9.1, 9.2 u 9.3	
Il-Kodiċi 10. Oħrajn		
10.1.	Għodod	
10.2.	Tiswijiet fil-perjodu tal-garanzija	
10.3.	Servizzi marbuta mal-edukazzjoni	
10.4.	Xogħol fuq proprjetà	10.4.1. Xogħol fuq proprjetà immobbli 10.4.2. Xogħol fuq proprjetà immobbli użata biex wieħed jgħix fiha 10.4.3. Xogħol fuq proprjetà mobbli apparti dawk f'kodiċi 3
10.5.	Xiri jew kiri ta' proprjetà	10.5.1. Xiri jew kiri ta' proprjetà immobbli 10.5.2. Xiri jew kiri ta' proprjetà immobbli użata biex wieħed jgħix fiha jew għar-rikreazzjoni. 10.5.3. Xiri jew kiri ta' proprjetà mobbli konnessa ma' jew użata fi proprjetà immobbli użata biex wieħed jgħix fiha jew għar-rikreazzjoni. 10.5.4. Xiri jew kiri ta' proprjetà mobbli apparti dawk f'kodiċi 2
10.6.	Forniment ta' ilma, gass jew elettriku permezz tan-netwerk ta' distribuzzjoni	
10.7.	Rigali ta' valur żgħir	
10.8.	Spejjeż relatati mal-uffiċċju	
10.9.	Parteċipazzjoni f'fieri u seminars, edukazzjoni jew taħriġ	10.9.1. Fieri 10.9.2. Seminars 10.9.3. Edukazzjoni 10.9.4. Taħriġ
10.10.	Rata fissa addizzjonali fuq bhejjem u prodotti agrikoli	
10.11.	Infiq fuq posta lejn pajjiżi barra l-UE	
10.12.	Infiq fuq faks u telefown, marbuta mal-akkomodazzjoni	
10.13.	Oġġetti u servizzi mixtrija mill-organizzattur tal-vjaġġ għall-benefiċċju dirett tal-vjaġġatur	
10.14.	Oġġetti mixtrija biex jinbiegħu apparti dawk f'1.6	
10.15.	Servizzi mixtrija biex jinbiegħu apparti dawk f'6.6 u 7.4	
10.16.	Xogħol fuq proprjetà	10.16.1. Xogħol fuq proprjetà immobbli użata bħala residenza jew faċilità ta' rikreazzjoni 10.16.2. Xogħol fuq proprjetà immobbli apparti dik f'10.16.1

▼B

	10.16.3. Xogħol fuq proprjetà mobbli konnessa ma' jew użata fi proprjetà immobbli f'10.16.1 10.16.4. Xogħol fuq proprjetà mobbli apparti dik f'10.16.3
10.17. Infiq fuq proprjetà	10.17.1. Infiq fuq proprjetà immobbli użata biex wieħed jgħix fiha jew għar-rikreazzjoni. 10.17.2. Infiq fuq proprjetà immobbli apparti dik f'10.17.1

▼B

ANNESS IV

Mudell għall-komunikazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 49(3) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010

Stat Membru:

Sena:

Parti A: Statistiċi skont l-Istat Membru:

	Artikolu 7 - 12					Artikolu 15		Artikolu 16				Artikolu 25	
Kaxxa	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13
	Talbiet għal informazzjoni rċevuta	Talbiet għal informazzjoni mibgħuta	Tweġibiet tard + pendenti	Tweġibiet irċevuti fi żmien xahar	Notifikazzjonijiet rċevuti skont l- Artikolu 12	Informazzjoni spontanja rċevuta	Informazzjoni spontanja mibgħuta	Talbiet li jidħlu għal feedback	feedback mibgħut	Talbiet għal feedback li joħorġu	feedback irċevut	Talba għal notifikazzjoni amministrattiva rċevuta	Talba għal notifikazzjoni amministrattiva mibgħuta
AT													
BE													
BG													
CY													
CZ													
DE													
DK													
EE													
EL													
ES													
FI													
FR													
▼M1 HR													

2012R0079 — MT — 01.07.2013 — 001.001 — 20

▼B

	Artikolu 7 - 12					Artikolu 15		Artikolu 16				Artikolu 25	
Kaxxa	1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13
	Talbiet għal informazzjoni rċevuta	Talbiet għal informazzjoni mibgħuta	Tweġibiet tard + pendenti	Tweġibiet irċevuti fi żmien xahar	Notifikazzjonijiet rċevuti skont l- Artikolu 12	Informazzjoni spontanja rċevuta	Informazzjoni spontanja mibgħuta	Talbiet li jidħlu għal feedback	feedback mibgħut	Talbiet għal feedback li joħorġu	feedback irċevut	Talba għal notifikazzjoni amministrattiva rċevuta	Talba għal notifikazzjoni amministrattiva mibgħuta
GB													
HU													
IE													
IT													
LT													
LU													
LV													
MT													
NL													
PL													
PT													
RO													
SE													
SI													
SK													
Total													

Parti B: Statistiċi globali oħrajn:

Statistiċi dwar in-negozjanti		
14	L-għadd ta' negozjanti li ddikjaraw akkwisti intra-Komunitarji matul is-sena kalendarja	
15	L-għadd ta' negozjanti li ddikjaraw bejgħ ta' oġġetti u/jew servizzi intra-Komunitarju matul is-sena kalendarja	

▼B

Statistiċi dwar il-verifiki u s-servizz ta' informazzjoni		
16	L-għadd ta' drabi li ntuża l-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 (Preżenza f'uffiċċji amministrattivi u parteċipazzjoni f'inkjesti amministrattivi fi Stati Membri oħra)	
17	L-għadd ta' kontrolli simultanji mibdijin mill-Istat Membru (Artikoli 29 u 30 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010)	
18	L-għadd ta' kontrolli simultanji li l-Istat Membru ħa sehem fihom (Artikoli 29 u 30 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010)	
Statistiċi dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni mingħajr talba (Regolament tal-Kummissjoni Riformulat (UE) Nru 79/2012)		
19	Kwantità ta' numri ta' identifikazzjoni tal-VAT allokati lil persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti fl-Istat Membru tiegħek (Artikolu 3 (1) a tar-Regolament (UE) Nru 79/2012)	
20	Volumi ta' informazzjoni dwar mezzi ta' trasport ġodda (Artikolu 3 (2) tar-Regolament (UE) Nru 79/2012) li ġew ippreżentati lil Stati Membri oħrajn	
Kaxex opzjonali (test liberu)		
21	Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni ieħor (awtomatiku) mhux kopert f'kaxex preċedenti.	
22	Benefiċċji u/jew riżultati ta' kooperazzjoni amministrattiva.	

▼B

ANNESS V

Regolamenti revokati

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1925/2004
(ĠU L 331, 5.11.2004, p. 13)

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1792/2006
(ĠU L 362, 20.12.2006, p. 1)

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1174/2009
(ĠU L 314, 1.12.2009, p. 50)

▼B

ANNESS VI

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1925/2004	Regolament (KE) Nru 1174/2009	Dan ir-Regolament
Artikolu 1		Artikolu 1
Artikolu 2		—
Punti (1) u (2) tal-Artikolu 3		Artikolu 2(1) u (2)
Punti (3), (4) u (5) tal-Artikolu 3		—
Artikolu 4(1) u (2)		Artikolu 3(1) u (2)
Artikolu 4(3), (4) u (5)		—
L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5		Artikolu 4
It-tieni paragrafu tal-Artikolu 5		—
Artikolu 6		Artikolu 5
Artikolu 7		Artikolu 6
Artikolu 8		—
Artikolu 9		Artikolu 11
Artikolu 10		Artikolu 12
Artikolu 11		Artikolu 14
Anness		Anness IV
	Artikolu 1	Artikolu 8
	Artikolu 2	Artikolu 9
	Artikolu 3	Artikolu 10
	Anness	Anness III